Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha, 23 ta' Gunju, 2017.

Appell numru: 17/2016

**Registratur, Qrati u Tribunal (Ghawdex) (appellant)**

**Vs**

**Joseph Galea (appellat)**

1. L-attrici harrket lill-konvenut fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' tlett elef mija u tmienja u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€3,183), dritt ta' registru fir-rigward tal-kawza Joseph Galea proprio et nominee vs Maria Camilleri (43/1986), deciza fil-5 ta' Marzu 2002.

2. Il-konvenut wiegeb li:

   i. It-talba hi preskritta skont l-artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili.
   ii. Mhuwiex debitur tal-attrici.

3. B'sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' l-ewwel eccezzjoni u cahad it-talba tal-attrici. It-Tribuna qal:

   *"It-Tribunal jemmen lil Dr Mary Debono Borg illi l-konvenut talabha sabiex ihallas dak dovut minnu wara d-decizjoni tal-appell. U ma jemminx lill-konvenut illi qal li mhux vera tkellem maghha fiz-zmien ta' bejn id-decizjoni tal-prim istanza u l-appell.*

   *Ghalhekk bi qbil reciproku l-partijiet estendew id-data meta l-hlas kellu jkun dovut id-decizjoni tal-appell li nghatat fl-1 ta' Lulju, 2005. Dakinhar il-kreditu favur l-attur rega' sar dovut. U l-preskrizzjoni kellha tiddekorri minn dakinhar.*

   *Ma jirrizultax illi l-partijiet qatt regghu tkellmu bejniethom wara s-sentenza tal-appell.*

   *L-ittra ufficjali saret ferm wara li l-obbligazzjoni giet estinta bil-preskrizzjoni u l-ittra ufficjali qatt ma seta' kellha l-effetti li terga' tirravviva dik l-obbligazzjoni. Di piu' l-ittra ufficjali giet imhassra minn min ghamilha.*

   *Ghalhekk jirrizulta illi mis-sentenza tal-appell sad-data ta' din il-kawza ma kien hemm xejn x'jinterrompi l-preskrizzjoni li dan it-Tribunal iqis li ghalqet fl-1 ta' Lulju, 2010 (hames snin wara s-sentenza tal-appell)".*

4. L-attrici appellat mis-sentenza. L-ilment taghha hu li mill-provi kien irrizulta li l-ftehim li kellha mal-konvenut kien li wara tinghata s-sentenza mill-Qorti tal-Appell, il-konvenut kellu jmur jgharrafha li nghatat is-sentenza u jhallas il-kont. Il-preskrizzjoni baqghet sospiza ghaliex l-appellat qatt ma avza lil Dottor Debono Borg jew rapprezentant taghha li l-appell kien gie deciz. Hu minnu li l-appellant setat ghamlet il-verifiki, pero' kellha mohha mistrieh li kien ser imur javza li l-Qorti tal-Appell kienet tat is-sentenza. Kieku nghata dan l-avviz il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn dakinhar.

5. Il-konvenut wiegeb li l-appell ghandu jigi michud.

6. Skont l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili:

> *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, **il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata**, minghjar ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".*

7. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li ghal kaz in ezami tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin skont l-artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili, u l-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-aggravju li pproponiet l-appellanti.

8. Mill-provi rrizulta li:-

   i. Il-ftehim li sar bejn il-kontendenti kien li l-konvenut ihallas l-ispejjez tar-Registru tal-kawza **Joseph Galea proprio et nomine vs Maria Camilleri** (43/1986) kif jigi deciz l-appell.
   ii. L-appell gie deciz fl-1 ta' Lulju, 2005.
   iii. Fit-18 ta' Mejju, 2015 l-attrici pprezentat ittra ufficjali kontra l-konvenut, li biha nterpellatu jhallas l-ispejjez tar-registru skont taxxa li kienet harget fil-5 ta' Marzu, 2002.

9. M'hemmx raguni ghalfejn il-qorti ma temminx lill-attrici li l-kliem mal-konvenut kien fis-sens li:

> *"Meta tinqata' s-sentenza infurmana halli mbaghad nibdew speci nibaghtulek il-proceduri ghal meta jkun dovut id-dritt tar-registru".*

10. Hu ovvju li wara s-sentenza tal-1 ta' Lulju, 2005 il-konvenut ma marx igharraf lill-attrici bis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-App0ell. Dan ifisser li l-preskrizzjoni ma bdietx tiddekorri, kif targumenta l-attrici ? Fil-fehma tal-qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 2137 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn dakinhar. Minn dakinhar l-attrici kellha kull dritt li tipproponi azzjoni kontra l-konvenut sabiex tithallas l-ispejjez gudizzjarji, irrispettivament jekk il-konvenut marx jinfurmaha li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell. Jekk

ikun mod iehor ifisser li l-kreditu ma kien qatt jerga' jkun dovut qabel il-konvenut ma jaghti avviz lill-attrici bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, li zgur li mhuwiex il-kaz. Ghaldaqstant, minn dakinhar il-preskrizzjoni regghet bdiet tiddekorri (artikolu 2137 tal-Kodici Civili). Dan irrispettivament jekk il-konvenut marx igharraf lill-attrici li s-sentenza kienet giet deciza, li f'kull kaz ma kien jimpedixxi xejn lill-attrici milli taghmel *monitoring* dwar l-andament tal-kawza fl-istadju tal-appell. Hu evidenti li l-attrici strahet fuq il-presunzjoni li l-konvenut kien persuna serja, mehud in konsiderazzjoni wkoll li kien jahdem ma' missierha, u ma kienx ser jidhak biha. Sfortunatament il-konvenut ma zammx kelmtu u ghaddew snin twil qabel mal-attrici ntebhet x'kien gara.

11. Gialdarba m'hemmx prova ta' rinunzja jew interruzzjoni ta' preskrizzjoni, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar wasal ghal konkluzjoni korretta.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur